Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 2 ta' Gunju 2025**

**Kump. Nru. 716/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Lydon Zammit**
**Spt. Stephen Gulia)**

**Versus**

**Chris Farrugia**
**(163281M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Chris Farrugia,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 163281M, akkuzat:

1. Talli nhar id-29 t'Ottubru 2021 ghall-ħabta ta' bejn is-13:00 Hrs u is-13:30 Hrs ta' wara nofsinhar, minn ġewwa ir-residenza bin-numru 230, Triq in-Naxxar, Birkirkara kkometta serq ta' flus kontanti liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-lok u li sar għad-dannu ta' Carmelo Minuti, li huwa persuna anzjana ta' hamsa u disghin sena (95) u/jew ta' xi persuna/i oħra.

2. U aktar talli nhar id-9 ta' Novembru 2021 ghal ħabta ta' bejn l-10:50 Hrs u l-11:00 Hrs minn ġewwa r-residenza 205, Triq tas-Salib, Mellieha bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioe' delitt ta' frodi, ai termini tal-Artikolu 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ura dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi għamel uzu ta' ismijiet foloz jew kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi ura ħaga b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara ghad-dannu ta' Mary Attard,

persuna anzjana ta' ħamsa u sebgħin sena (75) u/ jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra.

3. U aktar talli nhar it-8 ta' Novembru 2021 ghal ħabta ta' l-11:30 Hrs ta' filghodu, minn ġewwa r-residenza bin-numru 84, Triq il-Fuħħar l-Ahmar, Mgarr kkometta serq ta' flus kontanti liema serq hu kkwalifikat bil-lok u li sar għad-dannu ta' Dolores Gatt, persuna anzjana ta' tmienja u sebgħin sena (78) u Philip Gatt anzjan ta' disa u sebgħin sena (79) u/jew ta' xi persuna/i oħra.

4. U aktar talli nhar it-18 ta' Ottubru 2021 ghal ħabta ta' 10:50 Hrs ta' filgħodu minn ġewwa Triq Francesco Buħagiar, Birkirkara għamel uzu ta' ismijiet foloz jew kwalifiki foloz jew bill inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi ura ħaga b'oħra sabiex igiegħel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligħ bi ħsara għad-dannu ta' Mary Gemma Sammut, persuna anzjana ta' tlieta u tmenin sena (83) u/ jew persuni oħra u/jew entitajiet ohra.

5. U aktar talli nhar il-15 t'Ottubru 2021 ghal ħabta ta' bejn it-15:45 Hrs u l-16:00 Hrs, minn ġewwa r-residenza bin-numru 1, Topsea Heart, Triq il-Mezez, Mellieħa kkometta serq ta' flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Victoria Galea, persuna anzjana ta' erbgha u sebghin sena (74) liema serq hu kkwalifikat bil-lok u li sar għad-dannu ta' l-istess Victoria Galea u/jew ta' xi persuna/i oħra.

6. U aktar talli nhar it-28 ta' Gunju 2021 ghal ħabta ta' d-09:00 Hrs ta' filgħodu, minn ġewwa ir-residenza bin-numru 78, Triq il-Fuhhar l-Ahmar, Mgarr kkometta serq ta' flus kontanti liema serq hu kkwalifikat bil-lok u li sar għad-dannu ta' Carmelo Muscat, persuna anzjan ta' tmienja u tmenin sena (88) u/jew ta' xi persuna/i oħra.

7. U aktar talli nhar l-21 ta' April 2021 ghal ħabta ta' s-13:00 Hrs, minn ġewwa ir-residenza bin-numru 104, Galea, Flt2 Triq il-Gdida, Luqa kkometta serq ta' flus kontanti liema serq hu kkwalifikat bil-lok u li sar għad-dannu ta' Gejtan Marija Caruana anzjan ta' hamsa u sebghin sena (75) u Cecilia Paolina Caruana anzjana ta' tmenin sena (80) u/jew ta' xi persuna/i oħra.

8. U aktar talli nhar l-5 t'April 2021 ghal ħabta ta' s-14:00 Hrs, minn ġewwa ir-residenza bin-numru 226, Triq il-Kbira, Mosta kkometta serq ta' flus kontanti liema serq hu kkwalifikat bil-lok u li sar għad-dannu ta' Arthur Garrett ta' tnejn u hamsin sena (52) u/jew ta' xi persuna/i oħra.

9. U aktar talli bejn l-5 t'April 2021 u d-9 ta' Novembru 2021 f'diversi inħawi f'dawn gzejjer, opera, ippromova, biegh jew ippartecipa jew b'kull mod li

jkun ghen jew hajjar l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghob mhux awtorizzat.

10. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, għamel lotterija pubblika mingħajr ma qabel ingħata permess mid-Direttur tal-Lottu.

11. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, f'postijiet pubblici immolesta n-nies biex jitlob il-karità.

12. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, għex ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ.

13. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricedivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta għas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat id-dokumenti pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2025, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha

migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 31, 41(1)(a) 49, 50, 257D(1)(b)(c), 261(c)(e), 267, 269(g), 280(1), 281(a), 289, 308, 309 u 338(x)(w) tal-Kapitolu 9, kif ukoll Artikolu 6 tal-Kapitolu 438 u Artikolu 11 tal-Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta qed **issib lill-imputat Chris Farrugia hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal hames (5) snin prigunerija effettiva.**

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lill-hati **Chris Farrugia** taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna psikjatrika u psikologika necessarja kif ukoll kull ghajnuna ohra li jista' jkollu bzonn l-imputat, u b'mod partikolari li jsegwi t-terapija moghtija lilu sabiex jindirizza l-problemi tieghu ta' dipendenza fuq id-droga u problemi ohra li jistghu jigu identifikati, hekk kif jista' jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **tlett snin (3) millum** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 533 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed **tordna lill-hati Chris Farrugia sabiex ihallas is-somma ta' sitt mija u sebgha u hamsin Euro u disghin centezmu (€675.90),** bhala spejjez relatati ma' Esperti mahtura fil-kawza odjerna.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**